

Kawża C-497/10 PPU

Barbara Mercredi

vs

Richard Chaffe

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division))

“Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili — Regolament (KE) Nru 2201/2003 — Kwistjonijiet matrimonjali u responsabbiltà tal-ġenituri — Wild ta’ ġenituri mhux miżżewġin — Kunċett ta’ ‘residenza abitwali’ ta’ tarbija — Kunċett ta’ ‘dritt ta’ kustodja”

Opinjoni tal-Avukat Ġenerali M.P. Cruz Villalón, ippreżentata fis-6 ta’
Diċembru 2010 I - 14312

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-22 ta’ Diċembru 2010 . . . I - 14358

Sommarju tas-sentenza

1. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili — Ġurisdizzjoni, rikonossiment u infurzar ta’ sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta’ responsabbiltà tal-ġenituri — Regolament Nru 2201/2003 — Kunċett ta’ ‘residenza abitwali’ tal-wild (Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003, Artikoli 8, 10 u 13)*
2. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili — Ġurisdizzjoni, rikonossiment u infurzar ta’ sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta’ responsabbiltà tal-ġenituri — Regolament Nru 2201/2003 — Ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta’ responsabbiltà*

tal-ġenituri — Deċiżjoni definitiva ta' qorti ta' Stat Membru li tiċħad, bis-saħħa tal-konvenzjoni ta' Den Haag tal-25 ta' Ottubru 1980, talba għar-ritorn immedjat ta' wild fi Stat Membru ieħor — Effett fuq id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu sussegwentement f'dan l-Istat Membru l-ieħor fuq l-azzjonijiet imressqa sadanittant u li għadhom dejjem pendenti

(Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003, Artikolu 19)

3. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Ġurisdizzjoni, rikonossiment u infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri — Regolament Nru 2201/2003 — Ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri — Lis pendens*

(Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003, Artikolu 19)

1. Il-kunċett ta' "residenza abitwali", fis-sens tal-Artikoli 8 u 10 tar-Regolament Nru 2201/2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament Nru 1347/2000, għandu jiġi interpretat fis-sens li din ir-residenza tikkorrispondi għall-post li jirrifletti ċerta integrazzjoni tal-wild f'ambjent soċjali u familjari. Għal dan il-għan, u meta tqum il-kwistjoni li tirrigwarda tarbija li tgħix ma ommha wara biss xi ftit jiem fi Stat Membru barra dak tar-residenza abitwali tagħha, li għet imċaqalqa fih, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari, minn naħa, it-tul, ir-regolarità, il-kundizzjonijiet u r-raġunijiet tas-soġġorn fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u taċ-ċaqliq tal-omm lejn l-imsemmi Stat, u, min-naħa l-oħra, minħabba

b'mod partikolari l-età tal-wild, l-orijini ġeografiċi u familjari tal-omm kif ukoll ir-relazzjonijiet familjari u soċjali li hija u l-wild kellhom f'dan l-istess Stat Membru. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi r-residenza abitwali tal-wild billi tiegħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi fattwali kollha li huma partikolari għal kull każ.

Jekk l-applikazzjoni tal-kriterji twassal għall-konklużjoni li r-residenza abitwali tal-wild ma tistax tiġi stabbilita, id-determinazzjoni tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-kriterju ta' "fejn il-minuri

huma preżenti” fis-sens tal-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 2201/2003.

(ara l-punti 56, 57 u d-dispożittiv 1)

2. Deċiżjoni ta' qorti ta' Stat Membru li tiċċad, bis-saħħa tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, dwar l-Aspetti Ċivili dwar il-Ħtif Internazzjonali tal-Minuri, talba għar-ritorn immedjat ta' wild fil-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru ieħor, ma taffettwax id-deċiżjonijiet li għandhom jingħataw f'dan l-Istat l-ieħor fuq l-azzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri li sadanittant ikunu tressqu u li jkunu għadhom pendenti.

Fil-fatt, skont l-Artikolu 19 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, sentenza bħal din, anki jekk tkun saret definittiva, ma taffettwax il-mertu tad-dritt ta' kustodja.

(ara l-punti 65, 66, 71 u d-dispożittiv 2)

3. Deċiżjoni mhux definittiva ta' qorti fi Stat Membru dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward ta' wild ma taffettwax id-deċiżjonijiet li għandhom jingħataw f'dan l-Istat l-ieħor fuq l-azzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri li sadanittant ikunu tressqu u li jkunu għadhom pendenti.

Fil-fatt, fil-każ ta' kunflitt bħal dan bejn żewġt iqrati ta' Stati Membri differenti, li quddiemhom ikunu tressqu, fuq il-bażi tar-Regolament Nru 2201/2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament Nru 1347/2000, azzjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward ta' wild, li għandhom l-istess suġġett u l-istess bażi ġuridika, l-Artikolu 19(2) tal-imsemmi Regolament għandu jkun applikabbli. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-qorti li tintalab it-tieni għandha tissospendi d-deċiżjoni tagħha sakemm il-ġurisdizzjoni tal-qorti, li tkun intalbet l-ewwel tiġi stabbilita u għandaqstant ma tkunx tieħu deċiżjoni dwar talba li tagħha tkun ħadet konjizzjoni.

(ara l-punti 68, 69, 71)